MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**LAURENCE QUINTANO**

Seduta tat-2 ta' Dicembru, 2008

Numru. 195/2003

**Il-Pulizija**
**(Spettur Dennis Theuma)**

**Versus**

**Jason Mifsud.**

Il-Qorti

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Jason Mifsud ta’ 29 sena bin Carmel u Carmela nee Azzopardi imwieled il-Pieta’ nhar id-19 t’April, 1974 u residenti fil-fond numru 85 Saint Henry Street, Sliema, detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 354774 (M)

Akkużat talli f’dawn il-Gżejjer fis-6 ta’ Ġunju 2003 u x-xahar ta’ qabel ġo tas-Sliema u fi bnadi oħra f’Malta f’ħinijiet differenti

(a) forna jew pprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga eroina, specifikata fl-ewwel Skeda ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Liġijiet ta’ Malta, lill-persuna/i jew għall-użu ta’ persuna/i mingħajr ma kellu licenzja mill-President ta’ Malta, mingħajr ma kien awtorizzat bir-Regoli tal-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (GN 292/39) jew minn xi awtorita’ mogħtija mill-President ta’ Malta li jforni d-droga u ma kien fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tas-6 Taqsima tal-Ordinanza msemmija u mingħajr ma kellu licenzja jew xort’oħra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u mingħajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-Regolament 4 tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-drogi perikoluzi (GN 292/39) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta;

(b) kellu fil-pussess tiegħu d-droga eroina specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikolużi Kap 101 tal-Liġijiet ta’ Malta meta ma kienx fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort’oħra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b’xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta’ Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas milli jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu għall-użu tiegħu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regolament 9 tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-drogi perikoluzi (GN 292/39) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Il-Qorti ntalbet ukoll biex f’każ ta’ ħtija tapplika l-artikolu 533 tal-Kap 9.

Rat l-atti kollha tal-proċess inkluża l-istqarrija tal-imputat a fol3 , l-ordni tal-Avukat Ġenerali (fol 5), il-fedina penali (fol.6), iċ-ċertifikat tat-twelid (fol.9), id-digriet li bih il-Qorti

poġġiet lill-imputat taħt supervision order, u d-dokument VG.

Semgħet ix-xhieda bil-ġurament.

Semgħet it-trattazzjoni tal-abbli Prosekutur u tal-abbli Difensur.

Mix-xhieda tal-Ispettur Josrick Mifsud jirriżulta li kienet saret tfittxija fid-dar tal-imputat u kienu nstabu xi affarijiet li kienu relatati mad-droga u li l-imputat kien ammetta li kienu tiegħu. Il-Pulizija ma kinux kellmu lill-imputat fil-jum li fih kien arrestat minħabba li kellu withdrawal symptoms.

Filfatt l-imputat għamel l-istqarrija tiegħu fis-7 ta' Ġunju 2003 fil-10.45.  Huwa stqarr li kien qed juża d-droga eroina (fol 3) u l-aħħar użu li kien għamel mill-eroina kien fil-jum ta' qabel. Huwa kien qed juża madwar nofs gramma kull jum.  Huwa ammetta li kien ibiegħ xi tleit pakketti tat-ten sabiex jixtri gramma eroina.  Kien ilu qisu xahar ibiegħ l-eroina. (Fol.4).

PC 123 Saviour Galea ikkonferma li kien preżenti waqt l-istqarrija tal-imputat.  Fil-kontro-eżami x-xhud qal li l-istqarrija damet madwar ħames minuti jew ikata. (fol.19). (Effettivament mill-ħin indikat fl-istqarrija jidher li damet xi tleit kwarti).  Ix-xhud ftakar li l-imputat kellu bżonn tal-mediċina.

Mir-rapport tal-Probation Officer Victoria Grech jirriżulta li għall-ewwel l-imputat ma kienx iżomm kuntatt iżda mbagħad inbidel. (fol.39).(Xhieda kemm dik ta-t3 ta' Lulju, 2006 kif ukoll dawk tas-27 t'April 2007 u tat-13 ta' Ġunju 2008 fejn kienu rrepetuti l-istess punti)

Konsiderazzjonijiet tal-Qorti.

Ma jeżisti ebda dubju dwar il-pussess tal-eroina għaliex dan stqarru stess l-imputat fl-istqarrija tiegħu.  (Ara fol.4).

L-imputat qal ukoll li kien qed jgħix bir-relief ta' Lm131 u li għal gramma eroina kien qed iħallas Lm18.

Kalkolu matematku ħafif minn dawn il-figuri jwassal għar-riżultat ta’ xiri ta’ 7.2 grammi ta’ eroina li kellhom iservu 14.4 jiem. Dan jekk mir-relief wieħed ma jħallas xejn ħlief id-droga.

L-imputat stqarr li kien ilu jbiegħ id-droga xahrejn sabiex isostni l-vizzju tiegħu.

Id-difiża rreferiet għal żewġ fatti: (a) li l-imputat kien qed isofri minn withdrawal symptoms; (ii) li l-istqarrija ma damitx ftit.

Madanakollu l-Qorti ma tqisx li dawn iċ-ċirkustanza jnaqqsu mill-valur tal-istqarrija bħala prova. Id-difiża li l-imputat fil-bidu ma riedx jikkopera u għalhekk damet l-istqarrija. Ukoll jekk tieħu dan l-element in konsiderazzjoni, ma jfissirx li l-Qorti għandha xi dubju dwar l-attendibilita’ tal-istqarrija. Filfatt l-imputat baqa’ sal-aħħar luċidu għaliex irrisponda d-domandi li ried jirrispondi, ma weġibx dak li deherlu m’għandux iwieġeb u ma ffirmax l-istqarrija. Għalhekk il-Qorti qed tiddeċiedi li l-istqarrija hija waħda ta’ min joqgħod fuqha. Isegwi li l-imputat biegħ id-droga eroina fix-xahar ta’ qabel ma kien arrestat u kien fil-pussess tagħha sal-jum ta’ qabel.

Isegwi għalhekk li l-Prosekuzzjoni ppruvat kemm l-ewwel imputazzjoni kif ukoll it-tieni waħda li għandha titqies assorbita fl-ewwel waħda ai termini tal-artikolu 17(h) tal-Kap 9.

Il-Qorti, wara li rat ir-regolamenti 4 u 9 tal-GN 292/1939 kif ukoll it-Taqsimiet 4 u 6, l-artikoli 22(1)(a), 22(2)(b)(i)(ii) tal-Kap 101 u l-artikolu 17(h) tal-Kap 9 issib lill-imputat ħati taż-żewġ imputazzjonijiet dedotti kontrih bit-tieni imputazzjoni asorbita fl-ewwel waħda u qed tikkundanna lill-imputat għal priġunerija ta’ sitt xhur u għall-ħlas ta’ multa ta’€ 466 liema multa tista’ titħallas b’rata ta’ €60 fix-xahar bl-ewwel pagament isir fi żmien xahar mil-lum. Jekk xi parti minn din il-multa ma titħallasx din tinbidel f’jum priġunerija għal kull €11.65 li ma jitħallsux.

Il-Qorti mhix tapplika l-artikolu 533 tal-Kap 9 minħabba li ma tqabbad ebda espert matul il-proċeduri.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------